MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## VINCENT GALEA

Seduta tat-12 ta' Novembru, 2014

Talba Numru. 328/2014

**Mobisle Communications Limited**

**Vs**

**Bertram ZAHRA [ID. Nru. 340390M]**

**It-Tribunal,**

Ra **t-talba tas-socjeta rikorrenti mressqa fid-19 ta' Mejju, 2014** u li permezz taghha talbet lill-intimat jhallasha s-somma ta' disa' mija wiehed u sebghin euro u ghoxrin centeżmi ta' euro [€971.20c] u dan wara li ppremettiet hekk:

> "Illi l-konvenut ghandu jhallas lis-socjeta attriċi s-somma ta' disa mija u wiehed u sebghin ewro u ghoxrin ċenteżmu (€971.20) liema ammont huwa in konnessjoni mas-servizzi ta' kommunikazzjoni bl-akkont numru A/C50922524 moghtija mis-socjeta attriċi skont l-

annessi dokumenti mmarkati Dok IZY1 u Dok IZY2 – prospett u ftehim ghall-akkont relattiv u Dok IZY 3 – estratt mir-Registru Elettorali, u Dok IZY4 – kopja ta’ ittra uffiċjali a tenur tal-artikolu 166A tal-Kapitolu 12.

Illi l-konvenut gie nterpellat sabiex ihallas iżda baqa inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenut li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni”.

Ra li l-intimat gie debitament notifikat fit-28 ta’ Mejju, 2014.

Semgha x-xhieda tal-intimat;

Semgha x-xhieda ta’ Charmaine Wiffen rapprezentanta tas-socjeta rikorrenti tikkonferma li l-intimat ghad fadallhu jhallas lis-socjeta rikorrenti s-somma ta’ disa’ mija wiehed u sebghin euro u ghoxrin centeżmi ta’ euro [€971.20c].

Ra li Dr. Ingrid Zammit Young iddikjarat li s-socjeta rikorrenti ma kellhiex provi aktar xi tressaq u talbet lit-Tribunal sabiex jghaddi ghas-sentenza a tenur tal-artikoli 9 (2) (a) u 13 (b) tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta’ Malta, liema talba t-Tribunal laqa’.

It-Talba ġiet posposta ghas-sentenza ghal-lum stess.

Ra d-dokumenti esebiti;

Ra l-atti;

Ikkunsidra:-

1. Permezz ta' din it-Talba, s-socjeta rikorrenti qeghda titlob il-hlas, minghand l-intimat tas-somma ta' disa' mija wiehed u sebghin euro u ghoxrin centeżmi ta' euro [€971.20c] in konnessjoni mas-servizzi ta' kommunikazzjoni bl-akkont numru A/C50922524.

Ikkunsidra;

2. Ir-rapprezentanta tas-socjeta rikorrenti xehdet llum stess li l-ammont reklamat mis-socjeta rikorrenti ta' disa' mija wiehed u sebghin euro u ghoxrin centeżmi ta' euro [€971.20c] ghadu dovut fl-intier tieghu mill-intimat.

3. L-intimat xehed fis-seduta tas-26 ta' Gunju, 2014 fejn qal li fit-8 ta' Gunju, 2009 huwa kien iffirma kuntratt mas-socjeta rikorrenti kopja ta' liema jinsab esebit a fol. 4 tal-process. Kompla jghid li xi ftit żmien wara huwa kien tilef il-mobile in kwistjoni u kien informa b'dan lill-addetti tas-socjeta rikorrenti fil-fergha taghha tal-Belt Valletta. L-intimat qal li din il-persuna li kien kellem, jekk mhux sejjer żball kienet mara, qaltlu "*... sabiex ma noqghodx ninkwieta u li kienu ser iwaqqfuli s-servizz*" (fol. 14). Stqarr li lilu hadd ma kien qallu sabiex jaghmel xi haga bil-miktub l-ghaliex hekk kien jaghmel ġaladarba kien mar fil-fergha tas-socjeta rikorrenti. Mistoqsi mit-Tribunal ghar-rigward tal-konsum tal-mobile bejn Lulju 2009 u Ottubru 2009 l-intimat qal li "*... dan l-uzu mhux jiena ghamiltu u kien fiz-zmien ta' meta l-mobile tieghi kien ittiehed*" (fol. 15). L-intimat qal li huwa ma ghamilx rapport mal-pulizija li kienu hadulu l-mobile u dan peress li huwa kien informa b'dan lis-socjeta rikorrenti.

Ikkunsidra ulterjorment;

4. L-intimat iddikjara li huwa ma ghandux jaghti l-ammont reklamat mis-socjeta rikorrenti peress li huwa kien informa lis-socjeta rikorrenti li kien ittehidlu l-mobile u talabhom sabiex iwaqqfu s-servizz, haġa li s-socjeta rikorrenti baqghet ma ghamlitx. It-Tribunal huwa tal-fehma li l-intimat ma rnexxielux jipprova ghas-sodisfazzjoni tieghu li huwa verament ghamel dan ir-rapport mas-socjeta rikorrenti jew li qalilha sabiex twaqqaf is-servizz. Konsegwentement, l-ammont reklamat mis-socjeta rikorrenti, kif konfermat mir-rapprezentanta taghha, huwa dovut.

Ghalhekk, it-Tribunal, jaqta u jiddeċiedi dan il-kaz billi jilqa t-talba tas-socjeta rikorrenti kif kontenuta fit-Talba taghha u konsegwentement jikkundanna lill-intimat ihallas lis-socjeta rikorrenti s-somma ta' disa' mija wiehed u sebghin euro u ghoxrin centeżmi ta' euro [€971.20c] bl-imghaxijiet legali kif mitluba fuq dan l-ammont jibdew jiddekorru mill-24 ta' Settembru, 2010 data ta' l-ittra uffiċjali (fol. 4) sad-data tal-hlas effettiv.

L-ispejjez kollha, inklużi dawk ta' l-ittra uffiċjali ppreżentata fl-24 ta' Settembru, 2010 huma a kariku tal-intimat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------